**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0319/2021**

4.6.2021

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni tal-Istat tad-Dritt fl-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni tar-Regolament 2020/2092 dwar il-kondizzjonalità
(2021/2711(RSP))

**Petri Sarvamaa, Monika Hohlmeier, Jeroen Lenaers**
f'isem il-Grupp PPE
**Eider Gardiazabal Rubial, Birgit Sippel, Isabel García Muñoz**
f'isem il-Grupp S&D
**Katalin Cseh, Moritz Körner**
f'isem il-Grupp Renew
**Daniel Freund, Alexandra Geese, Terry Reintke, Gwendoline Delbos-Corfield, Sergey Lagodinsky, Tineke Strik, Saskia Bricmont, Sylwia Spurek, Damian Boeselager, Alice Kuhnke, Diana Riba i Giner, Heidi Hautala, Niklas Nienaß, Hannah Neumann, Rosa D'Amato, Sven Giegold, Rasmus Andresen, Ernest Urtasun, Eleonora Evi**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Younous Omarjee**
f'isem il-Grupp The Left

**B9-0319/2021**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni tal-Istat tad-Dritt fl-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni tar-Regolament 2020/2092 dwar il-kondizzjonalità (2021/2711(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 2, 3(1), 4(3), 6, 7, 13, 14(1), 16(1), 17(1), 17(3), 17(8), 19(1) it-tieni subparagrafu u l-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), kif ukoll l-Artikoli 265, 310, 317 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni[1] ("ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt"),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092, il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt[2] u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, il-Ftehim Interistituzzjonali, l-Istrument tal-UE għall-Irkupru u r-Regolament dwar l-Istat tad-Dritt[3],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 (COM(2010)0580),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew adottati fil-21 ta' Lulju 2020 u fil-11 ta' Diċembru 2020,

– wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-12 ta' Settembru 2018 dwar proposta li titlob lill-Kunsill jiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni[4],

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-QĠUE tat-3 ta' Ġunju 2021 fil-Kawża C-650/18 li tiċħad l-azzjoni tal-Ungerija kontra r-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Settembru 2018 li tiskatta l-proċedura għad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju minn Stat Membru tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni

[1] ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1.
[2] Testi adottati, P9_TA(2021)0103.
[3] Testi adottati, P9_TA(2020)0360.
[4] ĠU C 433, 23.12.2019, p. 66.

Ewropea[5],

– wara li kkunsidra l-proposta motivata tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2017 skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE rigward l-istat tad-dritt fil-Polonja: Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur gravi tal-istat tad-dritt mir-Repubblika tal-Polonja (COM(2017)0835),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Marzu 2018 dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex jiġi attivat l-Artikolu 7(1) tat-TUE minħabba s-sitwazzjoni fil-Polonja[6],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, kif minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;

B. billi kwalunkwe riskju ċar ta' ksur serju min-naħa ta' Stat Membru tal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE ma jikkonċernax biss lill-Istat Membru individwali fejn jimmaterjalizza r-riskju, iżda għandu impatt ukoll fuq l-Istati Membri l-oħra, fuq il-fiduċja reċiproka ta' bejniethom, u fuq in-natura nnifsha tal-Unjoni u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tagħha skont id-dritt tal-Unjoni;

C. billi l-Artikolu 7(1) tat-TUE ġie skattat mill-Kummissjoni u l-Parlament fir-rigward tal-Polonja u l-Ungerija, rispettivament, wara d-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni; billi s'issa l-Kunsill organizza tliet seduti ta' smigħ tal-Polonja u żewġ seduti ta' smigħ tal-Ungerija fi ħdan il-qafas tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali;

D. billi r-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021 u ilu applikabbli minn dak iż-żmien;

E. billi l-applikabbiltà, l-għan u l-ambitu tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt huma definiti b'mod ċar fih u, b'konformità mal-Artikolu 17(1) tat-TUE, il-Kummissjoni "għandha tiżgura l-applikazzjoni tat-Trattati, u tal-miżuri adottati fl-ambitu tagħhom mill-istituzzjonijiet";

F. billi l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt ma tistax tkun soġġetta għall-adozzjoni ta' linji gwida, u jfakkar li kwalunkwe linji gwida ma għandhomx jimminaw il-ħsieb tal-koleġiżlaturi;

G. billi, f'konformità mal-Artikolu 234 tat-TFUE, il-Parlament Ewropew għandu d-dritt li jivvota dwar mozzjoni ta' ċensura tal-Kummissjoni;

H. billi l-Kummissjoni "għandha tkun kompletament indipendenti", u l-membri tagħha "la

[5] Sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, *L-Ungerija vs Il-Parlament*, C-650/18, ECLI:EU:C:2021:426.
[6] ĠU C 129, 5.4.2019, p. 13.

għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn xi Gvern jew minn istituzzjoni, korp, uffiċju jew entità oħra" (l-Artikolu 17(3) tat-TUE, l-Artikolu 245 tat-TFUE) u barra minn hekk "għandha tkun responsabbli lejn il-Parlament Ewropew" (l-Artikolu 17(80 tat-TUE) u "għandha tiżgura l-applikazzjoni tat-Trattati, u tal-miżuri adottati fl-ambitu tagħhom mill-istituzzjonijiet" (l-Artikolu 17(1) tat-TUE);

I. billi l-QĠUE biss għandha s-setgħa li tannulla r-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt jew ta' kwalunkwe parti minnu, u billi l-azzjonijiet imressqa quddiem il-QĠUE ma għandhomx effett sospensiv skont l-Artikolu 278 tat-TFUE;

J. billi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti f'konformità mal-prinċipji ġenerali inkorporati fit-Trattati tal-Unjoni, b'mod partikolari l-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE, u mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba minqux fl-Artikolu 317 tat-TFUE u fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[7] (ir-Regolament Finanzjarju);

1. Itenni l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021 u li huwa direttament applikabbli fl-intier tiegħu fl-Unjoni Ewropea u fl-Istati Membri kollha tagħha għall-fondi kollha tal-baġit tal-UE, inklużi r-riżorsi allokati permezz tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru minn dak iż-żmien 'l hawn;

2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex finalment jirrikonoxxu l-ħtieġa urġenti għal azzjoni biex jiddefendu l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u biex jammettu li Stat Membru ma jistax jemenda l-leġiżlazzjoni tiegħu, inklużi d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali, b'tali mod li jwassal għal tnaqqis fil-protezzjoni ta' dawn il-valuri; jemmen li l-kooperazzjoni sinċiera reċiproka bejn l-istituzzjonijiet tiġi mminata jekk it-tħassib tal-Parlament ma jiġix kondiviż u kkunsidrat bis-sħiħ; ifakkar li l-Parlament għandu d-dritt li jivvota dwar mozzjoni ta' ċensura tal-Kummissjoni u għandu l-possibilità li jirreaġixxi għan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-Kunsill; jistieden lill-istituzzjonijiet l-oħra biex jaħdmu flimkien minflok ma jostakolaw l-isforzi biex tissolva l-kriżi attwali;

3. Ifakkar li skont l-Artikolu 5 tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, "il-Kummissjoni għandha tivverifika jekk kienx hemm konformità mal-liġi applikabbli u, fejn meħtieġ, tieħu l-miżuri xierqa kollha biex tipproteġi l-baġit tal-Unjoni, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur u finanzjarji"; jemmen li s-sitwazzjoni rigward ir-rispett għall-prinċipji tal-istat tad-dritt f'xi Stati Membri teħtieġ l-użu immedjat tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt;

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirreaġixxi malajr għall-ksur serju kontinwu tal-prinċipji tal-istat tad-dritt f'xi Stati Membri, li qed jikkawżaw periklu serju fir-rigward tad-distribuzzjoni ġusta, legali u imparzjali tal-fondi tal-UE, speċjalment taħt ġestjoni kondiviża, u biex twettaq analiżi bir-reqqa tal-ħtieġa li tiskatta, mingħajr dewmien żejjed, il-proċedura prevista fir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex minnufih tissodisfa l-obbligi tagħha skont dan ir-Regolament biex tinforma kif xieraq lill-Parlament dwar kwalunkwe notifika bil-

[7] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

miktub lill-Istati Membri kkonċernati, li tistabbilixxi l-elementi fattwali u r-raġunijiet speċifiċi għall-ksur tal-istat tad-dritt, jew dwar kwalunkwe investigazzjoni li tkun għaddejja; jinnota li sal-lum, il-Parlament għadu ma rċieva l-ebda informazzjoni simili dwar xi notifika;

5. Jisħaq fuq it-tħassib tiegħu dwar l-indikazzjonijiet dejjem aktar ċari u dwar ir-riskju dejjem jikber ta' użu ħażin tal-baġit tal-Unjoni bħala mezz biex jiġi deterjorat l-istat tad-dritt f'ċerti Stati Membri; jiddispjaċih dwar l-inabbiltà tal-Kunsill li jwettaq progress sinifikanti fl-infurzar tal-valuri tal-Unjoni fil-proċeduri tal-Artikolu 7 li għaddejjin bħalissa b'rispons għat-theddid għall-valuri komuni Ewropej fil-Polonja u fl-Ungerija; jirrimarka li dan in-nuqqas min-naħa tal-Kunsill li jagħmel użu effettiv mill-Artikolu 7 tat-TUE qed ikompli jdgħajjef l-integrità tal-valuri komuni Ewropej, il-fiduċja reċiproka u l-kredibilità tal-Unjoni kollha kemm hi; iħeġġeġ lill-presidenzi li ġejjin biex jorganizzaw seduti ta' smigħ regolari; jirrakkomanda lill-Kunsill jindirizza rakkomandazzjonijiet konkreti lill-Istati Membri inkwistjoni, kif minqux fl-Artikolu 7(1) tat-TUE, bħala segwitu għas-seduti ta' smigħ, u li jindika skadenzi għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet;

6. Jissottolinja li minkejja diversi riżoluzzjonijiet u rapporti tal-Parlament Ewropew u diversi proċedimenti ta' ksur u deċiżjonijiet tal-QĠUE, is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea qed tkompli tiddeterjora;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tuża l-għodod kollha disponibbli għaliha, inkluż ir-regolament, biex tindirizza l-ksur persistenti tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali kullimkien fl-Unjoni, inklużi l-attakki kontra l-libertà tal-midja u l-ġurnalisti, id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ, il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà ta' għaqda; jilqa' d-deċiżjoni meħuda mill-Awla Manja tal-QĠUE li tiċħad l-azzjoni tal-Ungerija kontra r-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Settembru 2018 li tiskatta l-proċedura tal-Artikolu 7; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' kapaċità tal-Kummissjoni li tirrispondi b'mod xieraq għall-bosta tħassib espress mill-Parlament dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali f'diversi Stati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha, inkluż l-Artikolu 7 tat-TUE, il-Qafas tal-Istat tad-Dritt u l-proċeduri ta' ksur skont l-Artikolu 19(1) tat-TUE, kif ukoll strumenti ulterjuri, bħal proċeduri mħaffa, applikazzjonijiet għal miżuri interim quddiem il-QĠUE u azzjonijiet rigward in-nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti; jitlob lill-Kummissjoni tiddikjara b'mod espliċitu r-raġunijiet tagħha meta tiddeċiedi li ma tużax l-għodod rakkomandati mill-Parlament;

8. Jenfasizza l-importanza li tiġi appoġġata u msaħħa l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE); jilqa' l-fatt li l-UPPE sar operattiv fl-1 ta' Ġunju 2021;

9. Jissottolinja li r-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt huwa għodda separata komplementari għar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt; jistieden lill-Kummissjoni tuża s-sejbiet tar-rapport annwali fil-valutazzjoni tagħha għall-finijiet tar-regolament; jitlob lill-Kummissjoni sabiex fir-Rapport annwali tagħha dwar l-Istat tad-Dritt tinkludi taqsima ddedikata b'analiżi tal-każijiet fejn ksur tal-prinċipji tal-istat

tad-dritt fi Stat Membru partikolari jista' jaffettwa jew jirriskja li jaffettwa b'mod serju l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni b'mod suffiċjentement dirett;

10. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kummissjoni ma bagħtet l-ebda notifika bil-miktub lill-Istati Membri mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament, minkejja ħafna tħassib dwar il-ksur tal-istat tad-dritt identifikat fir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, kif ukoll l-eżistenza ta' żewġ proċeduri dwar l-Artikolu 7 li għadhom għaddejjin, li għandu impatt fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni u jibqa' mhux solvut mill-Istati Membri; jinnota li n-nuqqas ta' azzjonijiet skont l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6 tar-Regolament jikkostitwixxi rifjut mill-Kummissjoni li jiġu ssodisfati l-obbligi tiegħu skont dan;

11. Ifakkar li fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2021 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092, il-mekkaniżmu ta' kondizzjonalità tal-istat tad-dritt, il-Parlament ta skadenza konkreta lill-Kummissjoni, u jinnota b'diżappunt li l-Kummissjoni ma ssodisfatx l-obbligi tagħha sa din l-iskadenza; jisħaq fuq il-fatt li dan jikkostitwixxi bażi suffiċjenti biex tittieħed azzjoni legali kontra l-Kummissjoni skont l-Artikolu 265 tat-TFUE;

12. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas tal-Kummissjoni li tirrispondi għat-talbiet tal-Parlament sal-1 ta' Ġunju 2021 u li tattiva l-proċedura stabbilita fir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt fl-aktar każijiet ovvji ta' ksur tal-istat tad-dritt fl-UE; jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jistieden lill-Kummissjoni, fi żmien ġimagħtejn mid-data tal-adozzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni, abbażi tal-Artikolu 265 tat-TFUE, biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont dan ir-Regolament; jiddikjara li, biex ikun imħejji, il-Parlament, sadanittant, għandu jibda minnufih it-tħejjijiet meħtieġa għal possibbiltà ta' proċedimenti tal-qorti skont l-Artikolu 265 tat-TFUE kontra l-Kummissjoni;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri.